MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 634/2004

**Avviz numru 634/04DM**

**Edward Attard Montalto ID 648060 (M), Patricia mart Thomas Agius Vadala ID 86759 (M), Victoria mart Avukat Dottor David Grech ID 448062 (M), u l-imsemmijin Patricia mart Thomas Aguis Vadala u Victoria mart Avukat Dottor David Grech ukoll bhala mandatarji tal-imsiefra Deborah Attard Montalto ID 349766 (M), u Marie Antoinette ID 784936 (M) armla ta' Avukat Dr. Philip Attard Montalto**

**Vs**

**John Degiorgio ID 844534 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (LM4,500), import ta' disgha (9) kambjali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) il-wahda, iffirmati mill-

konvenut, kopja taghhom annessa ma’ l-Avviz u mmarkati Dok ‘A’ – ‘ I’, kif konfermat b’skirittura privata datata 30 ta’ Otturbu, 2000, kopja taghha annessa ma’ l-Avviz u mmarkata bhala Dok ‘H’.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bla pregudizzju ghall-ammont iehor dovut mill-konvenut ghall-kambjali ohrajn, liema ammont huwa gja kkanonizzat b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta’ Ottubru, 1994.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut irtirata fis-seduta tal-lum;

Billi l-konvenut assistit mid-difensur tieghu pprezenta u qara nota ta’ ammissjoni, il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Ghaldaqstant qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet kif mitluba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------